TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Borg

vs

Chris Sarcia - Sarcia Tattoo Parlour

CCT 61/21/ MS

16 ta' Frar 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' April 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' €330.00, hlas ghall-servizzi professjonali rezi mill-intimat wara li inkarigatu jaghmel tpingija, liema tpingija ma kenitx dik miftiehem jew mistenni u dan peress illi l-intimat m'ghamel l-ebda *sketch* jew *stencil* u pinga kollox *freehand*, fuq ghajnejh.

Ra r-risposta tal-intimat fejn cahad it-talba tar-rikorrenti u qal li kien baghat lir-rikorrenti sketch gimghatejn qabel l-appuntament kif kien miftiehem u li fil-gurnata tal-appuntament hi dehret kuntenta bir-rizultat tant li ftehmu ghal gurnata ohra.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ra l-verbal tal-10 ta' Novembru 2021 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti Maria Borg biex il-kawza tkompli f'isimha biss.

Sema' x-xhieda bil-gurament .

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fit-13 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti Maria Borg ikkuntattjat lill-intimat fuq Facebook messenger u uriet interess f'*water colour* tattoo. Qaltlu li hi diga kellha "*black flowery tattoo"* u xtaqet li izzid '*some bright colour to it.*" L-intimat qalilha li kellu ritratti fuq il-pagna tieghu u biex tmur l-istudio biex jiftiehmu ahjar. Ftehmu li kien ser jibghatilha ritratti ohra u fis-16 ta' Lulju baghat erba ritratti. Fit-28 ta' Lulju ir-rikorrenti regghet ghamlet kuntatt mal-intimat u ftehmu li kienet ser tmur ghandu l-Hamis ta' wara -

fit-30 ta' Lulju fil-5.30pm. Dakinhar regghet spjegatlu dak li xtaqet u ghamlu appontement ghal 17 ta' Ottubru 2020 u dakinhar hallset depozitu ta' hamsin Euro. Xahar wara, fil-31

ta' Awwissu, ir-rikorrenti regghet ghamlet kuntatt mal-intimat u talbitu juriha *sketch*, u bghatitlu *sketch* biex tfakkru. Gurnata wara, ghamel kuntatt maghha fejn qal illi kien ser jibda jahdem fuqha, izda ma baghat xejn u fis-16 ta' Settembru qal illi kien maqbud bix-xoghol. Pero' assiguraha li sa gimghatejn qabel l-appuntament, kien jilhaq ilestijielha. Fil-5 ta' Ottubru regghet baghtet *reminder* u fis-6 ta' Ottubru l-intimat baghat ritratt. Ir-rikorrenti xtaqet li l-weraq u l-fjuri jintlew bil-kulur u l-isplashes ikomplu fuq barra. Qaltlu ukoll illi xtaqet splashes differenti minn dak tar-ritratt. Fil-14 ta' Ottubru, tlett ijiem qabel l-appuntament regghet ghamlet kuntatt u qaltlu li bhala kuluri xtaqet *light blue, blue, dark blue, turquoise, light green* u *green* u bhala splashes xtaqet li kollox jinghaqad go *one big splash* b'mod astratt. Hawnhekk qaltlu ukoll illi jekk bicciet mil-furi u l-weraq ma jintlewx bil-kulur ma jimpurtax. L-intimat deher li fehem dak li riedet tghid.

Illi r-rikorrenti tghid li dakinhar tal-appuntament, l-intimat fittex xi haga mill-google u sab xi haga f'hames minuti u alavoja ma kenitx konvinta, hija qaghdet fuq il-gudizzju tieghu u ghalkemm kienet xjettika bir-rizultat, assiguraha illi meta jghaddi ftit zmien ikun jidher ahjar. Dakinhar hi hallset 280 Euro - prezz ta' tlett sighat xoghol (90Euro per hour) u krema ta' ghaxar euro u ghamlet appontement iehor ghal 22 ta' Dicembru. Baqghet tistenna izda ma kenitx kuntenta xejn bir-rizultat u fil-5 ta' Dicembru bghattitlu message li ma kenitx kuntenta u talbett il-hamsin Euro depozitu lura. L-intimat irrifjuta li jtiha d-depozitu lura u offrielha *voucher* jew *transfer* izda dan ma kienx accettabbli ghar-rikorrenti. Wara li regghet ikkuntatjatu indunat li kienet *blocked.* Ir-rikorrenti ilmentat mill-fatt illi hu kien qed juza l-*mobile phone* l-hin kollu meta kien qed jahdem fuqha.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat, filwaqt li jikkonferma hafna minn dak li qalet ir-rikorrenti, ighid illi lf-opinjoni tieghu it-tpingija kienet tajba. Qal ukoll illi l-ewwel darba ma hax ritratt ta' daharha biex jirrispetta l-privatezza taghha peress illi l-*consultation* ma jkunx one on one, izda kienet taghtu l-*go ahead* wara li kien baghat *sketch* fuq Facebook. Ighid ukoll illi hu kien ghamel *tracing* minn fuq karta apposta ghal fuq daharha b'inka apposta u nnega li ghamel kollox *freehand.* Qal li dakinhar ghamlu nofs ix-xoghol u wara tlett sighat ir-rikorrenti ddecidiet li tieqaf u tkompli l-process darb'ohra ghaliex xtaqet izzid xi haga. Qal ukoll illi ir-rikorrenti kienet mal-habiba taghha u kienu kuntenti bir-rizultat. Fuq id-depozitu, l-intimat ighid illi dan inzamm peress illi hi ghamlet appuntament iehor u ghalhekk dan gie *transferred* ghat-tieni appuntament. L-intimat ighid illi r-rikorrenti stenniet sal-5 ta' Dicembru biex tghidlu li ma kenitx kuntenta bir-rizultat - u ghalhekk iktar minn xahar u nofs wara l-ewwel appuntament. Irrerfera wkoll ghal fatt illi hu kien ghamilha car mill-bidu (u anke bil-miktub) illi depoziti ma jinghatawx lura.

Ikkunsidra

Illi peremzz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghda titlob ir-rifuzjoni ta' €330.00, rapprezentati hlas ta' servizz ta' tpingija ta' tattoo, depozitu u hlas ta' prodott mixtri minghand l-intimat, liema servizz ma sarx skond l-arti u s-sengha bil-konsegwenza li r-rizultat ma kienx dak miftiehem u/jew mistenni.

Illi t-Tribunal ra l-iskambju ta' messaggi bejn ir-rikorrenti u l-intimat, Filwaqt illi jaqbel illi kien hemm nuqqas ta' professjonalita' min-naha tal-intimat u li dam mit-30 ta' Lulju sal-5 ta' Ottubru qabel ma baghat xi tip ta' sketch, u allura tnax il-gurnata qabel l-appuntament, it-Tribunal ihoss illi kien hemm ukoll nuqqas ta' gudizzju min-naha tar-rikorrenti. Effettivament, ghalkemm jidher li r-rikorrenti kienet xjettika u skomda bil-mod dilettantesk ta' kif mexa maghha l-intimat xorta wahda ghazlet illi tkompli bil-procedura. Fi kliemha stress *'I felt like he didn't give it any time .. fittex fuq google .. it took him about five minutes u qaghdt fuq il-judgement tieghu."*

Illi jidher ukoll illi r-rikorrenti ma kenitx certa hafna ta' dak li riedet, tant li tlett granet sabel, regghet ikkuntattjat lill-intimat u qaltlu li xtaqet kollos qisu *one big splash in an abstract way* u staqsietu jekk kienx qed jifhem. Pero', min-naha l-ohra, l-intimat qatt mă wera li kien konfuz jew li kellu xi dubju. Dejjem assiguraha li jien qed jifhem dak kollu li xtaqet u li ma kienx ha jkun problema.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jidhirlu li meta si tratta ta' xi haga daqshekk personali u permanenti, bhalma huwa *tattoo,* is-servizz ghandu jkun 'one to one' u l-klijent ghandu jinghata il-hin kollu li ghandu bzonn, biex jigu evitati sitwazzjoni bhal dawn. Ghalkemm huwa veru illi r-rikorrenti ghazlet illi toqghod fuq l-intimat, anke jekk ma kenitx konvinta, fl-ahhar mill-ahhar, huwa l-intimat li qed joffri s-servizz u kif ighidu bl-Ingliz 'the buck stops with him.' L-intimat kien qed joffri servizi u ta' dan thallas flus, u mhux ftit. Kwazi mitt Euro fis-siegha ghal bicca xoghol, li wara tlett sieghat kien biss nofsu lest, kien jirrikjedi iktar hsieb, preprazzjoni u precizjoni u anke servizz 'one to one'. It-Tribunal jidhirlu illi l-intimat mă kienx preparat bizzejjed u ghalkemm jista' jaghti l-kaz li r-rikorrenti ukoll ma kenitx preparata u halliet wisq f'idejn, kien sta ghalih illi jifhem ezattament x'riedet. Wara li s-servizz inghata, l-intimat kellu d-dmir illi jkompli juri l-professjonalita' tieghu, u jaccetta kull forma ta' kritika, u mhux jaghalaq l-mezzi ta' komunikazzjoni.

Illi fuq id-depozitu, r-rikorrenti ghandha ragun. L-intimat qal illi d-depozitu jirraprezenta l-hin li huwa ghamel fuq l-isketch (mibghut fis-6 ta' Ottubru) u ma jkunx jista' jaghti rufuzjoni tieghu. Pero' ighid ukoll illi kien lest li jnaqqas l-ammont mill-prezz tat-tpingija. Pero' dan m'ghamlux. . Ir-rikorrenti hallset €320.00 ghal tpingija (270 + depozitu) u

ghalhekk kellha kull dritt li tiehu lura d-depozitu, gialdarba ghazlet illi ma tkomplix bis-servizz. Is-servizz inghata, u wara dik id-darba ma sarux *sketches* ohra.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidhirlu illi apparti depozitu ta' hamsin Euro, ir-rikorrenti hija intitiolata ghal riduzzjoni fil-prezz ta' dak li hallset.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' mija u tletin Euro
Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru